**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 16 ta' Ottubru 2018**

**Kawza numru 69/2016 (JVC)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Anthony Borg ta' 61 sena, iben Joseph u Carmela nee' Cassar, imwieled Malta fit-12 ta' Awwissu 1955 (detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 544555M), residenti 32, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex fil-11 ta' Ottubru 2016 ghall-habta tas-13.30:

Ikkommetta serq ta' portmoni nkluz dokumenti, liema serq li jeccedi l-valur ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu

(€232.94), u cioe′ aggravat bl-ammont u dan ghad-dannu ta′ Mary Camilleri nee′ Refalo (ID 68538G) u dan bi ksur tal-artikolu 261 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi sar recediv b′sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta′ Malta, fejn tali sentenza giet definittiva u li ma tistax tinbidel u dan bi ksur tal-artiklu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Genearli sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali mhux netta tal-imputat.

Semghet ix-xhieda ta′ Mary Camilleri (l-allegata vittma) u tar-ragel taghha Kenneth John Camilleri.

Semghet illi Mary Camilleri nhar l-20 ta′ Ottubru, 2016 xehdet li nhar il-jum ta′ Tlieta qabel xehdet (ma tiftakarx id-data) ghall-habta tas-siegha u nofs ta′ wara nofsinhar (1.30p.m.) fix-Xaghra, Ghawdex hija kienet qeghdha ssuq vettura Fiat Punto flimkien mar-ragel taghha Kenneth John Camilleri u x′hin waslet kwazi fin-nizla ta′ Marsalforn l-imputat (li gharfitu fl-awla) waqqafha fit-triq u talabha taghtih lift u hi ma rrifjutatx. Rikkbitu fuq is-seat ta′ wara tal-vettura stante li fuq quddiem kien hemm

ir-ragel taghha u wara li tkellmu ftit u hi saqet, talabha twaqqfu fejn il-knisja ta' Marsalforn. Xehdet illi fuq wara kellha wkoll il-'handbag' taghha li wriet fl-awla. Tghid li saqet ftit u x'hin waslet hdejn l-'Atlantis restaurant' tghid li 'it occurred to me, indunajt dritt' (fol. 11) li hija kellha l-basket fuq wara, rat iz-zipp miftuh (ghalkemm kienet hallietu maghluq) u lir-ragel qaltlu "Hadli l-portmoni", portmoni kbir iswed. Waqqfet il-vettura u ccekkjat il-'handbag' u ma sabitx il-portmoni. Tghid li r-ragel iccekkja biex jara jekk waqax izda ma sabuhx. Saqet lejn il-'bus stop' u sabet lill-imputat fuq il-'bus stop'. Akkuzatu li hadilha l-portmoni, huwa cahad qalilha li ghandu biss five Euro (€5) u xi pirmli misset ftit il-bwiet ghax bezghet minnu. Tghid li anki fetah il-qmis. Qaltlu 'allright' u marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija. Hi u r-ragel fittxew madwar Marsalforn biex jaraw jekk il-portmoni ntremiex x'imkien izda ma sabuhx. Mistoqsija fejn l-ahhar li rat il-portmoni taghha tghid li hija tiftakar tpoggieh fil-basket fl-10.30a.m. Marret ghand in-Nutara Mariosa Grech u halsitha billi wzat il-portmoni. Wara marret ghand ohtha bil-basket baqa' dejjem maghluq u baqghet hemm sakemm saqet u rikkbet l-imputat. Tghid li cemplet lil ohtha biex tara jekk hallietx il-portmoni hemm. Ix-xhud tghid li kellha madwar tliet mitt Euro (€300), erba' mitt Euro (€400) fil-portmoni. Tikkonferma li apparti lilll-imputat hija ma rikkbet hadd fil-karozza ghajr ghar-ragel li ghandu dizabilita' u juza zewg bsaten u kien bilqieghda fuq quddiem.

In kontro-ezami x-xhud tghid li hija fittxet il-karozza qabel regghet marret tfittex lill-imputat. Mistoqsija jekk hux qed tassumi li l-imputat hadilha l-portmoni tirrispondi li 'Heqq, there was no one else'(fol. 19). Mistoqsija

jekk kellhiex dubju li l-portmoni hallietu x'imkien ghalhekk cemplet l-ohtha u lin-Nutar tghid li 'jien to make sure' (fol. 20). Mistoqsija jekk l-imputat ippruvax jahrab meta konfontatu li serqilha l-portmoni tghid li le anzi fetah il-qmis biex tara li m'ghandu xejn.

Ir-ragel tal-allegat vittma Kenneth John Camilleri wkoll ma jikkonfermax id-data meta sehh l-allegat serq, jghid li kien fost il-gimgha u xi madwar gimghatejn jew gimgha u nofs minn dak in-nhar li kien qed jixhed. Huwa jikkonferma bazikament il-verzjoni ta' martu Mary Camilleri. Jghid li l-ahhar li ra l-portmoni kien ix-Xaghra fil-karozza izda jikkorregi ruhu li hu ra l-basket u mhux il-portmoni fih ghax kien maghluq.

Semghet ix-xhieda tas-Surgent PS 1407 Frank Portelli li ha r-rapport minghand Mary Camilleri fl-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex. Huwa jixhed dwar il-verzjoni li taghtu Mary Camilleri u pprezenta kopja tar-rapport a fol. 45 et seq tal-process. Jixhed ukoll li l-imputat ghazel li jitkellem, qallu li ma ghandux ghalfejn avukat ghax ma ghandux x'jahbi. Jixhed ukoll li l-imputat mieghu cahad mill-ewwel u qallu li hu ma ha xejn. Il-Qorti tinnota li mill-verzjoni moghtija mis-surgent u dik tal-allegat vittma hemm xi diskrepanzi b'mod partikolari dwar il-hin li ndunat li l-portmoni kien insteraq. Ix-xhud jghid li fittxew fuq l-imputat u fl-appartament izda ma sabu xejn. Jixhed ukoll li l-imputat stess kien qallu li filghaxija kien xtara flixkun whisky.

Il-verzjoni tal-imputat fir-rapport tal-pulizija a fol. 49 hija kif isegwi:

‘fetah Anthony Borg fejn qabel ma gie mitkellem gie moghti t-twissija u dritt ta’ l-Avukat fejn wara stqarr li ma ghandux ghalfejn ghax jiena ma ghamilt xejn hazin u wara stqarr illi l-bierah kont niezel mix-Xaghra u kienet gejja vettura u waqqaftha u ghidtilha wassalni hdejn Galea supermaket u qaltli irkeb u jien irkibtilha fuq wara u kellha basket abjad u jiena ma messejtilha xejn ghax it-trip ha 5 sekondi u jien hrigt mill-vettura u hi bdiet tghidli li jiena hadtilha l-portmoni. Jiena ghollejt il-qmis u nzajt il-qalziet u ghidtilha ara x’ghandi u jien kelli 45 euro u ridt intiha 5 euro u ma hadithomx. Jien wara tlaqt ‘il hemm u hi telqet ukoll. Borg zied jghid illi hu mar Malta u gie tard bil-lejl. ‘

Rat il-kopja nformali ta’ decizjoni tal-Qori tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali datata 30 ta’ April, 2008 prezentata mill-Ispetttur Edel Mary Camilleri fejn fuq akkuzi ta’ serq ta’ kartiera l-imputat gie misjub hati u kundannat ghall-piena ta’ sena prigunerija sospizi ghal sena filwaqt li gie ordnat jirrifondi s-somma ta’ disghin Euro (€90).

Rat illi stante li fil-mori tas-smiegh tal-kawza l-imputat gie rikoverat fl-Isptar Monte Karmeli, il-Qorti talbet li jinhareg certifikat dwar jekk l-imputat hux f’posizzjoni illi jixhed stante li ried jixhed u dan gie konfermat permezz ta’ certifikat datat 13 ta’ Gunju 2018 esebit a fol. 70 tal-process redatt u mahluf minn Dr. David Cassar.

Semghet lill-imputat jaghti l-verzjoni tieghu kif riportata a fol. 72 et seq tal-process. L-imputat jghid li huwa kien mitluf ghalhekk talab lift izda mbaghad gharaf fejn kien u talab lil Mary Camileri twaqqfu:

“Ghidtilha ‘bizzejjed s’hawnhekk Sinjura.’ Waqqfitni u hrigt. U mxejt forsi ghoxrin (20) pass, giet lura, qaltli, ‘you took my wallet!’ ghidtilha, ‘inti bis-serjeta’!’ ghidtilha, ‘ohrog’. U kelli qmis biss fuqi u l-qalziet. Nehhejtilha l-qmis, nehhejtilha c-cintorin, ghamlitli hekk fuq wara u fuq quddiem, ghidtilha, “m’ghandi xejn,” (fol. 73). Jinsisti li huwa ghandu pensjoni tajba tal-Awstralja u li m’ghandux ghalfejn jisraq, li jghix tajjeb u li l-familja tieghu hija ‘well-off’. Jghid ukoll li fuqu kellu hamsa u ghoxrin (€25) u ghoxrin Euro (€20) izda mbaghad jiccara li kellu hamsa u ghoxrin (€25). Ghall-kuntarju ta’ dak li jghid fir-rapport tal-pulizija jichad li huwa offra lill-allegat vittma hames Euro (€5) u jichad li qal lill-pulizija li kellu hamsa u erbghin Euro (€45). Jghid illi huwa kien tela’ Xaghra biex jattendi l-quddies.

Rat illi l-imputat iddikjara l-provi tieghu maghluqa u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li seraq portmoni minn ‘handbag’ tal-allegat vittma waqt li huwa kien riekeb fil-vettura taghha fuq is-‘seat’ ta’ wara, wara li kien talab li jinghata ‘lift’. Il-vittma Mary Camilleri ssostni li hija kellha madwar tliet mitt Euro (€300), erba’ mitt Euro (€400) fih. L-imputat cahad tul il-procedura kollha li huwa mess il-portmoni ta’ Mary Camilleri u jinsisti li meta hu gie akkuzat minnha stess malli nizel mill-karozza huwa sahanistra halliha tfittxu u fethilha l-hwejjeg fosthom il-qmis biex

ticcekkja. Min-naha taghha l-vittma ghalkemm fil-bidu tax-xhieda taghha tinstema′ certa li l-portmoni hadu l-imputat ghaliex skont hi hu biss kien hemm, meta mistoqsija fejn rat l-ahhar darba l-portmoni tghid li hija kienet ratu filghodu xi l-ghaxra u nofs ghand in-Nutar Mariosa Grech imbaghad ma regghetx ratu ghax il-basket baqa′ maghluq. Jirrizulta li Mary Camilleri tant giet fid-dubju x′seta′ gara mill-portmoni li flimkien mar-ragel taghha fittxitu fil-karozza u cemplet kemm lil ohtha kif ukoll lin-Nutar biex tara jekk hallitux warajha.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b′sitwazzjoni fejn l-allegat vittma hija ferm dubjuza jekk il-portmoni nsteraqx mill-imputat jew altrimenti tilfitux jew hallietu x′imkien filwaqt li ma tressqet l-ebda prova li xi hadd ra lill-imputat jiehu l-portmoni in kwistjoni. Min-naha l-ohra *a tempo vergine* l-imputat mill-ewwel cahad u l-allegat vittma sahansitra thalliet tfittex fuqu biex tara li ma kellu xejn minn taghha u fil-fatt ma sabet xejn. L-istess allegat vittma tghid li fittxet madwar u ma sabitx il-portmoni mormi. Meta l-pulizija nvestigaw lill-imputat ukoll ma sabulu xejn la fuqu u lanqas fl-appartament, lanqas almenu ammont ta′ flus konsiderevoli li seta′ b′xi mod iqarreb dak misruq gurnata qabel u forsi jikkorrobora l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat.

**Decizjoni**

Illi fil-kamp kriminali l-principju applikabbli huwa li jridu jitressqu provi oltre ragjonevoli dubju li jevidenzjaw l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat. Fil-kaz odjern ma tressqux provi bizzejjed sabiex jissodisfaw dan ir-rekwizit u stante li f′cirkustanzi bhal dawn ghandu japplika l-

principju tal-*in dubio pro reo,* din il-Qorti tgħaddi sabiex tillilbera lill-imputat minn kull akkuza stante li mhux sufficjentement pruvati.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur